MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 41/1995/1

Savio sive Domenico Savio Spiteri u r-Reverendu Renato Valente t-tnejn bhala diretturi ghan-nom u n-rapprezentanza tal-kumpanija 'Gourmet Co.Ltd'

vs

Mariano Vella u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella minflok Mariano Vella li miet fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti;

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi wara li ppremettew:

Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet inversi, mandat numru 40/95, prezentat fit-3 ta' Frar 1995 u esegwit fl-istess gurnata, il-konvenut ottjena s-sekwestratarju, Dottor John G. Grech ghan-nom u n-

rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited, Alfred Farrugia ghan-nom tal-APS Bank Limited, Norman Mifsud ghan-nom tal-Mid-Med Bank Limited u John Bonello ghan-nom ta' Lombard Bank Limited, fl-ammont ta' tlett elef lira maltin (Lm3000);

Illi l-kawzali li gab l-istess konvenut ghall-hrug tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju kienet id-danni u spejjez ta' manutenzjoni fl-istore numru 8, Rabat Road, Xlendi, Gozo, kif dedotti fil-kontro-citazzjoni numru 46/1994 (MM) fl-ismijiet 'Savio Spiteri et noe v Mariano Vella et';

Illi l-istess mandat ta' sekwestru nhareg dolosament u in 'mala fede' u semplicement sabiex il-konvenut ikompli jivvessa u jdejjaq lill-attur u dan ghaliex:

a. l-istat tal-atturi huwa hekk maghruf li ma jaghtix raguni tajba biex wiehed jahseb li l-atturi m'humiex solvibbli fiz-zmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni tal-konvenut;

b. il-pretensjoni tal-konvenut fil-kontro-citazzjoni fuq imsemmija hija talment bla ebda bazi fil-fatt u fid-dritt billi, kienu l-istess atturi fic-citazzjoni fuq imsemmija li talbu r-riparazzjoni ta' malajr anke provizzorjament a spejjez taghhom, liema riparazzjonijiet huma eventwalment a karigu tal-konvenut, billi si tratta minn xoghlijiet straordinarji li skond il-ligi huma a karigu tas-sid li huwa l-konvenut;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jkun ikkundannat ihallas lill-attur id-danni sofferti minnu in konsegwenza tal-mandat imsemmi, kif ukoll penali, a tenur tal-Artikolu 846(4) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Talbu ghalhekk ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas kwalunkwe penali li tigi stabbilita minn dina l-Qorti ai termini tal-Artikolu 866 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma stabbilita bhala penali skond it-talba precedenti;

3. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur minhabba l-mandat ingustament ottenut kontra tieghu;

4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati skond il-paragrafu precedenti;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur pro et noe flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fl-ewwel lok u in linja preliminari, in kwantu bazati fuq il-premessa illi l-pretensjoni dedotta mill-esponenti in sostenn tal-mandat ta' sekwestru 'de quo' huma intempestivi, ghaliex l-Artikolu 846(4) jistipula espressament illi tali talba (ghad-danni u ghall-penali) tista' tingab 'il quddiem biss, wara li tispicca l-kawza illi tkun saret in sostenn tal-mandat ta' sekwestru;

2. li wkoll in linja preliminari, l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi, in kwantu bazata fuq l-Artikolu 866 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma jistghu qatt jigu milqugha ghaliex dan l-Artikolu jitratta dwar mandat ta' impediment ta' safar u mhux mandat ta' sekwestru;

3. li minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni dedotta mill-esponenti in sostenn tal-mandat ta' sekwestru tieghu hija wahda gustifikata u kwindi l-atturi ma jistghux jiddeducu in-nuqqas ta' gustifikazzjoni bhala bazi ghal din l-azzjoni;

4. li l-allegazzjoni tal-atturi illi l-istat tal-kumpanija huwa hekk maghruf li ma jaghtix raguni tajba biex wiehed jahseb illi m'huwiex solvibbli hija wahda totalment bla

ebda bazi ghaliex bhala fatt il-kumpanija intimata m'ghandha ebda proprjeta' x'toffri in garanzija tal-pretensjoni tal-esponenti u sa fejn jaf l-esponenti lanqas ghandha xi assi ohra x'taghmel tajjeb ghall-istess pretensjoni;

5. li dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanija attrici ma sofriet ebda danni per konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru 'de quo';

6. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 2004 fejn l-atti gew trasfuzi f'isem il-konvenut Anthony Vella stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Fl-azzjoni minnha esperita s-socjeta' attrici qeghdha titlob id-danni fuq il-premessa li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 40/95, li l-konvenut ottjena kontra taghha fl-atti tal-kontro-citazzjoni tal-imsemmi konvenut li ggib numru 46/1994, "inhareg dolozament u in mala fede u semplicement sabiex il-konvenut ikompli jivvessa u jdejjaq lill-attur…".

Illi tajjeb jinghata resokont qasir ta' x'wassal sabiex l-attur jintavola din ic-citazzjoni. Jirrizulta f'dan il-kuntest illi l-atturi odjerni kienu antecedentement ghamlu kawza kontra l-odjern konvenut sabiex huwa jaghmel ir-riparazzjonijiet ghall-hsarat allegatament ezistenti fil-fond

li kien fil-pussess tal-atturi. Il-konvenut min-naha tieghu kien inqeda b'din ic-citazzjoni tal-atturi biex jaghmel rikonvenzjoni kontra taghhom u talab id-danni allegatament minnu sofferti fil-fond in kwistjoni li sostna kienu gew ikkawzati bl-agir tal-atturi. Ottjena wkoll l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-atturi ossija s-socjeta', sabiex jikkawtela kull eventwali danni. Dak li segwa sussegwenti din l-kawza, bhal per ezempju: d-digriet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, li awtorizzat lill-konvenut jizbanka l-ammont tal-ispejjez tal-kawza n-virtu' ta' liema kien inhareg il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju; il-kawza li segwit li fiha l-atturi ttentaw jimpunjaw tali digriet;  il-fatt li dik il-kawza kienet spiccat dezerta u li l-Qorti tal-Appell b'sentenza taghha tal-4 ta' Frar 2000 kienet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwl Qorti in sosteniment tad-digriet; wkoll il-garanzija bankarja li biha l-atturi ottenew il-kontro-mandat ghas-sekwestru, din il-Qorti bir-rispett kollu ma tara li ghandhom ebda rilevanza, bhalma huma ta' ebda rilevanza wkoll il-konsistenza tal-hsarat li allegatament kien hemm fil-fond in kwistjoni. Il-meritu ta' dina l-kawza mhux fuq daqshekk izda fuq danni allegatament sofferti minhabba l-mandat ta' sekwestru illegalment, skond is-socjeta' attrici, mahrug kontra taghha. Kien kuntrarjament rilevanti u hafna li l-atturi jew mac-citazzjoni jew f'xi stadju tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza jipproducu l-mandat ta' sekwestru li fuqu agixxew permezz ta' dina c-citazzjoni.  Dan pero' imkien ma jirrizulta fl-atti.

Meta xehed l-attur f'dawn il-proceduri huwa sostna li d-danni jikkonsistu f'telfien ta' imghax fuq l-ammont issekwestrat u l-ispejjez legali u gudizzjarji nkorsi fil-procedura tal-mandat ta' sekwestru in meritu, il-kontro-citazzjoni, u ta' din ic-citazzjoni.  Minn dina x-xhieda jirrizulta wkoll li l-mandat ta' sekwestru kien inhareg fit-3 ta' Frar 1995 ghas-somma ta' Lm3040.  Mill-atti ta' dina c-citazzjoni jirrizulta wkoll li l-kawza tas-socjeta' attrici giet istitwita fis-6 ta' Marzu 1995.

Illi l-bazi tal-kawza odjerna l-atturi ghamluha fuq l-Artikolu 846(4) tal-Kap 12 gja Artikolu 849(4) tal-Kap 15, qabel ma gie emendat bl-Att XXIV tan-1995, res applikabbli ghall-

mandati ta’ sekwestru bl-Artikolu 849 tal-Kap 12. Issa dan s-subartikolu kien jaqra hekk, illi:

“Il-Qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrenti ghall-hlas tad-danni, u, barra minn dan ghall-piena ta’ mhux izjed minn mitt lira favur ta’ dak li kontra tieghu jkun gie mahrug il-mandat, f’kull wiehed minn dawn il-kazijiet:

(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza ghall-pretensjoni tieghu, fiz-zmien hawn fuq stabbilit;

(b) jekk fuq it-talba tal-konvenut ghaliex jitnehha l-mandat, l-attur ma jippruvax li, fil-hmistax-il gurnata ta’ qabel ir-rikors ghall-mandat, kien talab, b’kull mod li jkun, lill-konvenut biex ihallas id-dejn, jew, meta dan id-dejn m’hux likwidu, biex jaghti garanzija tajba;

(c) jekk l-istat tad-debitur kien hekk maghruf li ma kienx jaghti raguni tajba biex wiehed jahseb li hu ma kienx ikun solvibbli fi zmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni tal-attur;

(d) jekk, fit-tmiem tas-smigh tal-kawza, jinsab li l-pretensjoni ta’ l-attur ma kellha ebda bazi fil-fatt jew fil-ligi.

Kien ghaldaqstant jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li d-danni sostnihom fuq xi wahda minn dawn ir-ragunijiet u xejn aktar. Kien ghalhekk li din il-Qorti esprimiet il-fehma li dak li akkada sussegwentement ghall-mandat kien irrilevanti ghall-finijiet tal-meritu ta’ dina l-kawza.

Illi jirrizulta f’dan il-kuntest li l-provi li gabet is-socjeta’ attrici mkien ma jaslu sabiex jippruvaw imqar xi wahda minn dawn ir-ragunijiet. Konsegwentement ic-citazzjoni taghha ma tistax treggi u ma tistax ikollha success.

Ghalhekk taqta, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tichad t-talbiet tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------